# Manwal dwar l-ugwaljanza fost il-persuni irrispettivament mir-razza u l-oriġini etnika tagħhom

*Ġabra ta' għodda*

**Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza**
Gattard House, Triq Nazzjonali, Il-Blata l-Bajda ĦMR 9010

Ġunju 2007
**ISBN 978-99909-89-20-5**

Imħejji u ppubblikat mill-:
Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza
Iffinanzjat minn:

Koninkrijk der Nederlanden
L-Ambaxxata Rjali ta' l-Olanda
Stampat minn:
Dormax Press

## Werrej

*Messaġġ mid-Direttur Eżekuttiv* 3

1. Daħla 4

2. L-Unjoni Ewropea u t-trattament indaqs - Ħarsa ġenerali 4

3. Ħarsa ġenerali dettaljata lejn id-Direttiva dwar ir-Razza (2000/43/KE) 5
   - L-iskop tal-materjal 5
   - X'nifhmu li jagħmel diskriminazzjoni? 6
   - Jeżistu xi sitwazzjonijiet fejn tista' ssir diskriminazzjoni? 7
   - Min għandu r-responsabbiltà li jressaq il-provi f'każ ta' diskriminazzjoni? 8

4. Malta – Protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni razzjali 8

5. Il-liġi Maltija dwar l-ugwaljanza razzjali 9
   - L-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Razza 9

6. Korpi speċjalizzati 10
   - Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza 11
   - It-Tribunal Industrijali 11

7. Każ kummerċjali favur id-diversità 12
   - X'jinvolvi dan għal min iħaddem? 12

8. Azzjoni pożittiva 13
   - X'nifhmu b'azzjoni pożittiva? 13
   - Eżempji prattiċi ta' miżuri li jixhdu azzjoni pożittiva 14
   - B'liema mod organizzazzjoni tista' tiddetermina meta għandha twettaq azzjoni pożittiva u ma' min? 14

9. Osservazzjoni tal-proċess ta' ugwaljanza 14
   - Għala, min u kif? 14
   - Eżempju ta' Formola ta' Osservazzjoni ta' Opportunitajiet Indaqs 16

10. Valutazzjoni tal-proċess ta' ugwaljanza 17
    - L-Ewwel Parti - L-impjiegi 17
    - It-Tieni Parti - Il-provvista ta' oġġetti u servizzi 20

Addenda: Mudell ta' politika dwar l-ugwaljanza 22

Aktar tagħrif 26

## Messaġġ mid-Direttur Eżekuttiv

Għal ftit taż-żmien mhux ħażin, id-diskussjoni politika dwar id-diversità inkludiet il-fatt li l-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza (minn issa 'l quddiem NCPE) kellha tkun ukoll il-Korp għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza kif imfisser fid-Direttiva 2004/43/KE u b'hekk tingħata r-responsabbiltajiet marbutin miegħu. F'April 2007 kien ippubblikat l-Avviż Legali 85 li fisser eżatt x'inhuma r-responsabbiltajiet li għandha l-NCPE.

Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza ħadet pożizzjoni proattiva f'dan il-qasam billi, l-ewwelnett ħarrġet u ħejjiet il-ħaddiema tagħha għal din l-eventwalità u t-tieninett, billi fasslet dokumenti li jkunu jistgħu jgħinu lil setturi differenti tal-popolazzjoni ħalli jagħrfu jadattaw ruħhom għat-tibdil li qed iseħħ tassew fis-soċjetà, filwaqt li jkunu jistgħu jlaħħqu miegħu. Hu minħabba din l-aħħar raġuni li nkiteb dan id-dokument.

L-NCPE fittxet l-għajnuna finanzjarja u sabitha għand l-Ambaxxata Rjali ta' l-Olanda. L-Ambaxxata, minbarra li għenet finanzjarjament għal dan il-proġett, għenet ukoll lill-NCPE billi ġabet f'Malta persuna esperta fid-diversità mill-Olanda li, mhux biss ħarrġet il-ħaddiema tal-NCPE, imma ħarrġet ukoll liċ-*Chairpersons* u l-Membri tal-Kumitati għall-Ugwaljanza mwaqqfa fil-Ministeri f'Malta u Għawdex.

Dan il-manwal tfassal bil-ħsieb li jservi ta' għodda għal kulmin iħaddem u jipprovdi servizzi biex b'hekk ikunu jistgħu jifhmu x'inhu mistenni minnhom u x'inhuma r-responsabbiltajiet tagħhom. L-NCPE ħadet din l-inizjattiva sabiex tiżgura li l-kunċetti l-'ġodda' kif imfissra fl-A.L. 85 ta' l-2007 jkunu jistgħu jinftiehmu u jitwettqu bla diffikultà. Fil-verità, minkejja li ntużat il-kelma 'ġodda', il-kunċetti m'huma ġodda xejn imma qegħdin sempliċiment jitfissru aħjar biex jinftiehem il-prinċipju ta' l-ugwaljanza u tat-tneħħija tad-diskriminazzjoni.

Qabel ma ddaħħlet id-Direttiva 2004/43/KE, Malta kienet ilha taħdem b'riżq il-promozzjoni ta' l-ugwaljanza fost il-persuni, irrispettivament mir-razza u l-oriġini etnika tagħhom. Mal-mogħdija tas-snin, Malta ffirmat u rratifikat għadd ta' dokumenti li jinsabu mniżżlin f'paġna 8 biex tkun tista' ssir referenza għalihom malajr. Diġà sa mill-1967, Malta rratifikat il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u wieħed jista' jara sensiela ta' dokumenti internazzjonali oħrajn speċifikament dwar id-drittijiet tal-bniedem li jirreferu għall-ugwaljanza razzjali.

M'hemmx dubju li s-suġġett m'huwiex wieħed ġdid.  Li ġara huwa li l-obbligi mħabbra fid-Direttiva 2000/43/KE nbidlu f'liġi bis-saħħa ta' l-Avviż Legali 85 ta' l-2007 u għandhom ikunu rrispettati u onorati. Din il-ġabra ta' għodda se tgħin lil dawk kollha li jipprovdu servizz sabiex jaslu għal dan bla skossi u b'mod effiċjenti, filwaqt li tara li l-bażi ta' kull tranżazzjoni tkun ir-rispett lejn kulħadd.

Sina Bugeja
Ġunju 2007

## 1. Daħla

Dan id-dokument għandu l-għan li joħloq għarfien dwar il-liġi li għadha kemm daħlet fis-seħħ f'Malta dan l-aħħar u li tiddiskuti t-trattament indaqs tal-persuni, irrispettivament mir-razza u l-oriġini etnika tagħhom, filwaqt li tixħet dawl fuq kif din il-liġi għandha titwettaq u tkun applikata tajjeb. Dan id-dokument għandu l-ħsieb ukoll li jservi ta' pakkett li jipprovdi l-għodda meħtieġa biex tintuża ħalli tixxejjen id-diskriminazzjoni, filwaqt li jkun mezz li bih l-organizzazzjonijiet ikunu jistgħu jtejbu l-prattiċi tagħhom billi jħaddmu l-prinċipju ta' l-ugwaljanza.

Dan il-manwal tfassal primarjament għal min iħaddem, għad-diretturi responsabbli mir-riżorsi umani u għal dawk li jipprovdu prodotti u servizzi, filwaqt li jippreżentalhom l-ewwel għajnuna dwar x'prattiċi jistgħu jdaħħlu sabiex jagħrfu jżommu ma' l-obbligu tagħhom, jiġifieri li jevitaw id-diskriminazzjoni u li jistabbilixxu livelli għall-ħaddiema kollha fi ħdan l-organizzazzjoni.

Lejn tmiem dan il-pakkett, qed jitressaq mudell ta' politika dwar l-ugwaljanza li wieħed jista' jadottah sabiex jintbagħat messaġġ pożittiv kontra d-diskriminazzjoni u jservi ta' linji-gwida ċari f'kull azzjoni li tittieħed skond kif inhu xieraq.

## 2. L-Unjoni Ewropea u t-trattament indaqs - Ħarsa ġenerali

It-Trattat ta' Ruma (1957), li kien iffirmat ħamsin sena ilu u li bih twaqqfet il-Komunità Ekonomika Ewropea (KEE), kien jinkludi żewġ klawsoli biss dwar it-tneħħija tad-diskriminazzjoni, fosthom it-tneħħija tad-diskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità u l-Artikolu 119 dwar il-ħlas ta' paga ndaqs lill-irġiel u lin-nisa għall-istess xogħol.

Minn dak iż-żmien 'l hawn, il-KEE nisġet bosta direttivi u regolamenti li jħeġġu l-ugwaljanza fost is-sessi u dan għax fehmet li jekk ma jkunx hemm liġijiet b'bażi komuni favur it-trattament indaqs, il-kundizzjonijiet soċjali meħtieġa għat-tkabbir ekonomiku u għall-kompetizzjoni ġusta ma jkunux jistgħu jintlaħqu. Madanakollu, sa l-1990, dan il-qafas ta' liġijiet ftit li xejn kellu effett fuq metodi oħrajn imfassla sabiex titnaqqas id-diskriminazzjoni.

Madanakollu, fl-1997, it-Trattat ta' Amsterdam ħoloq għarfien dwar metodi oħrajn li jnaqqsu d-diskriminazzjoni. Fil-fatt, l-Artikolu 13 ta' dan it-Trattat ta s-setgħa lill-Kunsill sabiex jieħu l-azzjoni li tixraq ħalli jiġġieled kull diskriminazzjoni minħabba sess, razza jew oriġini etnika, reliġjon jew twemmin, diżabilità, età u orjentazzjoni sesswali.

Tliet snin wara, fl-2000, l-UE adottat żewġ direttivi importanti f'dan ir-rigward. L-ewwel waħda kienet id-Direttiva dwar ir-Razza[1] li titkellem dwar diskriminazzjoni minħabba r-razza u l-oriġini etnika filwaqt li t-tieni waħda kienet id-Direttiva Qafas dwar l-Impjiegi[2] li tiffoka dwar diskriminazzjoni minħabba reliġjon jew twemmin, diżabilità, età u orjentazzjoni sesswali. Iż-żewġ direttivi jipprovdu għal trattament indaqs fl-oqsma ta' l-impjiegi (privati u pubbliċi); ta' l-impjiegi indipendenti (*self-employment*); tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, inkluż il-paga, it-taħriġ vokazzjonali, il-promozzjoni u t-tkeċċija mix-xogħol; u tas-sħubija u s-sehem

[1] Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE
[2] Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE

f'assoċjazzjonijiet tal-ħaddiema u f'organizzazzjonijiet professjonali. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet imħabbra f'dawn id-direttivi jipprojbixxu d-diskriminazzjoni diretta u indiretta; il-fastidju; l-għoti ta' istruzzjonijiet għal diskriminazzjoni u vittimizzazzjoni. Dawn jippermettu wkoll li jitwettqu miżuri ħalli tittieħed azzjoni pożittiva bil-għan li jagħmlu tajjeb għal kwalunkwe diskriminazzjoni strutturali u jkun żgurat li jkun hemm tassew ugwaljanza sħiħa.

Barra minn hekk, l-iskop tal-materjal fid-Direttiva dwar ir-Razza jkompli jinfirex ukoll biex jinkludi l-ħarsien soċjali, fosthom is-sigurtà soċjali u l-kura tas-saħħa; il-vantaġġi soċjali; l-edukazzjoni; l-aċċess għal u l-provvista ta' prodotti u servizzi disponibbli għall-pubbliku, inkluż id-djar. Apparti dan, din id-Direttiva tobbliga lill-Istati Membri biex jinnominaw korp indipendenti ħalli jipproċessa l-ilmenti, iwettaq stħarriġ indipendenti dwar diskriminazzjoni, jippubblika rapporti indipendenti u jressaq ir-rakkomandazzjonijiet.

L-Unjoni Ewropea konxja li, l-iżviluppi legali fihom infushom, m'humiex biżżejjed u m'humiex se jwasslu għar-riżultati mixtieqa kemm-il darba ma jitbiddlux l-attitudnijiet u l-imġiba. Minħabba f'hekk, l-UE waqqfet il-programm ta' Azzjoni tal-Komunità Biex Tiġġieled id-Diskriminazzjoni 2001 - 2006 sabiex tippromwovi l-ugwaljanza kif ukoll sabiex tkun tista' tiffinanzja kampanji ewlenin ta' promozzjoni madwar l-Ewropa, bħalma hi l-kampanja "Għad-Diversità Kontra d-Diskriminazzjoni". Barra minn hekk, il-Kummissjoni Ewropea ddedikat l-2007 biex tiċċelebra l-kunċett tad-diversità u l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd, irrispettivament mis-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-età, l-orjentazzjoni sesswali u d-diżabilità. Fuq kollox, il-fond PROGRESS għall-2007-13 għandu jkompli bil-ġlieda ta' l-UE kontra d-diskriminazzjoni billi jiffinanzja proġetti varji mfassla sabiex jingħelbu problemi ta' diskriminazzjoni.

## 3. Ħarsa ġenerali dettaljata lejn id-Direttiva dwar ir-Razza (2000/43/KE)

### *L-iskop tal-materjal*

Bis-saħħa tad-Direttiva dwar ir-Razza, qed tingħata protezzjoni wiesgħa lir-razza u lill-oriġini etnika bil-għan li ma jkunux sors ta' diskriminazzjoni la fil-qasam ta' l-impjiegi u l-professjonijiet u lanqas fil-provvista ta' oġġetti u servizzi. Fil-fatt, l-iskop tal-materjal fid-Direttiva tal-Kunsill 2004/43/KE, hu li joffri protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni fl-oqsma li ġejjin:

- L-aċċess għal xogħol, għal impjiegi indipendenti u għal professjoni (inkluż għal promozzjoni)
- L-aċċess għal gwida u għal taħriġ vokazzjonali;
- L-impjiegi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, inkluż it-tkeċċija mix-xogħol u l-paga;
- Is-sħubija f'organizzazzjonijiet għall-ħaddiema, għal min iħaddem jew f'dawk professjonali
- L-edukazzjoni;
- Il-ħarsien soċjali, inkluż is-sigurtà soċjali u l-kura tas-saħħa;
- L-iżvantaġġi soċjali;
- L-aċċess għal u l-provvista ta' oġġetti u servizzi li huma disponibbli għall-pubbliku, inkluż id-djar.

Din id-Direttiva tipprojbixxi li ssir diskriminazzjoni kemm fis-setturi pubbliċi kif ukoll f'dawk privati u tipproteġi l-individwi/l-organizzazzjonijiet minn diskriminazzjoni minħabba r-razza jew l-oriġini etnika li tista' ssir minn kwalunkwe persuna naturali jew legali. Importanti li ninnutaw li din id-Direttiva ma tkoprix it-twettiq ta' diskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità. Għaldaqstant, filwaqt li din id-Direttiva tipproteġi wkoll lil ċittadini ta' pajjiżi terzi minn diskriminazzjoni minħabba r-razza jew l-oriġini etnika tagħhom, m'għandha l-ebda effett fejn għandu x'jaqsam id-dħul tagħhom fl-Istati Membri ta' l-UE u l-aċċess għax-xogħol fl-UE.

### *X'nifhmu li jagħmel diskriminazzjoni?*[3]

B'*diskriminazzjoni* nifhmu meta ssir differenza bejn żewġ persuni jew sitwazzjonijiet, jew inkella jingħatalhom trattament differenti, meta m'hemm l-ebda differenza relevanti bejniethom, jew inkella meta żewġ sitwazzjonijiet li huma fil-fatt differenti jingħataw l-istess trattament. Kulmeta ssir diskriminazzjoni kemm diretta kif ukoll indiretta ma' persuna minħabba raġunijiet magħrufa, tkun qed tinkiser il-liġi.

Id-*Diskriminazzjoni Diretta* sseħħ meta persuna tiġi ttratata anqas minn kif tiġi ttrattata, kienet ittrattata jew tista' tkun ittrattata persuna oħra f'sitwazzjoni simili. Għaldaqstant, il-kwistjoni hawnhekk hi li nidentifikaw persuna xierqa li għaddiet minn sitwazzjoni u trattament simili u li jistgħu jitqabblu ma' dawk imġarrba mill-allegata vittma. Kemm-il darba ma tinstab l-ebda persuna li ġarrbet sitwazzjoni u trattament simili, jista' jiġri li titqies persuna qabbiela mistħajla u li ssir valutazzjoni dwar jekk kenitx tingħata trattament differenti.

Eżempji ta' diskriminazzjoni diretta:

- Meta avviż dwar xogħol vakanti jgħid, 'Nies suwed m'għandhomx għalfejn japplikaw'.
- Meta ħaddiema ta' razza jew oriġini etnika partikulari ma jingħatawx żieda fil-paga minkejja li jissodisfaw il-kundizzjonijiet minimi meħtieġa sabiex jingħataw din iż-żieda, għalkemm din tingħata lil ħaddiema oħrajn fl-istess sitwazzjoni.
- Meta persuna jew grupp ta' persuni li jappartjenu, jew huma maħsuba li jappartjenu għal razza jew grupp etniku partikulari, ma jitħallewx jidħlu f'post pubbliku bħalma huwa *nightclub*, jew jikru post bħalma huwa appartament u dan għall-ebda raġuni ħlief minħabba r-razza jew l-oriġini etnika tagħhom, kemm jekk maħsuba kif ukoll jekk vera.

Id-*Diskriminazzjoni Indiretta* sseħħ meta xi dispożizzjoni, kriterju jew prattika li jidhru newtrali jpoġġu persuni ta' razza jew oriġini etnika fi żvantaġġ partikulari meta mqabblin ma' persuni oħrajn. Dispożizzjoni, kriterju jew prattika bħal dawn ma jikkonstitwixxux diskriminazzjoni indiretta kemm-il darba jkunu ġġustifikati oġġettivament b'għan leġittimu u meta l-mezzi użati sabiex jintlaħaq dak il-għan jitqiesu xierqa u meħtieġa.

---

[3] Dan id-dokument jiffoka fuq il-bżonn li jkun hawn għarfien dwar id-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE li tirreferi għal diskriminazzjoni minħabba razza u oriġini etnika u li jingħata tagħrif dwar it-twettiq xieraq ta' din id-Direttiva. L-awtur jixtieq jgħarraf lill-qarrejja li l-Liġijiet ta' Malta, id-Direttivi ta' l-UE u konvenzjonijiet internazzjonali oħrajn jistgħu jkopru forom oħrajn ta' diskriminazzjoni.

Eżempji ta' diskriminazzjoni indiretta:

- Meta intervista jew test isiru għal kollox bil-Malti jew bl-Ingliż jew biż-żewġ lingwi, meta l-lingwa/i inkwistjoni m'hijiex/m'humiex rekwiżit professjonali essenzjali.
- Meta nies ta' razza u oriġini etnika differenti jingħataw responsabbiltajiet differenti minkejja li d-deskrizzjoni u/jew it-titlu tax-xogħol tagħhom huma l-istess.

Il-*Fastidju* jitqies bħala diskriminazzjoni kif imfisser hawn fuq meta jkun hemm imġiba mhux mixtieqa minħabba r-razza jew l-oriġini etnika tal-persuna bil-ħsieb jew bil-konsegwenza li ssir vjolazzjoni tad-dinjità tal-persuna u li jinħoloq ambjent intimidattiv, ostili, degradanti, umiljanti jew offensiv. Id-definizzjoni tal-kelma fastidju tħalliet wiesgħa bi ħsieb biex b'hekk tinkludi firxa wiesgħa ta' mġiba mhux mixtieqa. Meta ssir valutazzjoni ħalli jkun deċiż jekk seħħx fastidju jew le, m'hemmx il-ħtieġa li tkun identifikata persuna qabbiela.

Titqies diskriminazzjoni wkoll meta jingħataw *istruzzjonijiet sabiex issir diskriminazzjoni* kontra persuni minħabba r-razza jew l-oriġini etnika tagħhom.

Eżempji ta' istruzzjonijiet diskriminatorji:

- Meta sidien ta' blokk ta' appartamenti għall-kiri jagħtu istruzzjonijiet lill-aġenzija tal-proprjetà sabiex tiddiskrimina kontra razza jew grupp etniku partikulari f'isimhom.
- Meta sidien ta' stabbiliment tad-divertiment jagħtu istruzzjonijiet lill-ħaddiema tas-sigurtà sabiex ma jdaħħlux ċerti individwi/gruppi minħabba r-razza jew l-oriġini etnika tagħhom.
- Meta dawk li jħaddmu jagħtu istruzzjonijiet lill-membri tal-bord li jagħmel l-intervisti jew lill-aġenzija li timpjega lill-ħaddiema li ma jkunux kuntenti jekk jingħażel kandidat ta' ċerta razza jew grupp etniku.

Il-*Vittimizzazzjoni* sseħħ meta persuna jew grupp ta' persuni jingħataw trattament ħażin jew iġarrbu konsegwenzi ħżiena (bħalma hi t-tkeċċija mix-xogħol) bħala reazzjoni talli jkunu ressqu xi ilment jew ħadu xi proċeduri, jew talli jkunu wieżnu jew qablu ma' xhieda biex biha jkunu ppruvati l-fatti marbutin ma' l-ilment imressaq minn xi kollega.

### *Jeżistu xi sitwazzjonijiet fejn tista' ssir diskriminazzjoni?*

Id-Direttiva tippermetti li ssir ċerta diskriminazzjoni f'każijiet mill-aktar eċċezzjonali u dan biss meta jkunu ssodisfatti ċerti kriterji.

Din it-tip ta' diskriminazzjoni tista' ssir fil-forma ta' *rekwiżit professjonali essenzjali* fejn jingħad b'mod ċar li l-għażla tal-persuna għal xogħol partikulari għandha ssir skond karatteristika marbuta ma' razza jew oriġini etnika, kemm-il darba dan l-għan jitqies leġittimu u r-rekwiżit proporzjonat. Xi assunzjonijiet li ilhom magħna ż-żmien, jiġifieri li ċerti nies li jappartjenu għal razza jew oriġini etnika partikulari m'għandhomx il-ħila jew m'humiex adattati biex jagħmlu xogħol partikulari, jistgħu ma jissodisfawx il-kriterji li bihom l-għan jitqies leġittimu u proporzjonat.

Eżempju ta' rekwiżit professjonali essenzjali:

- Meta direttur tal-films jippubblika sejħa għal attur iswed (u fil-fatt jiffirma kuntratt miegħu) biex jaħdem il-parti ta' Martin Luther King.

***Min għandu r-responsabbiltà li jressaq il-provi f'każ ta' diskriminazzjoni?***

Il-liġijiet dwar in-nuqqas ta' diskriminazzjoni jirrikonoxxu l-fatt li diffiċli tipprova li tkun saret diskriminazzjoni. Minħabba f'hekk, l-Artikolu 9 tad-Direttiva dwar ir-Razza jipprovdi sabiex ir-responsabbiltà li jitressqu l-provi taqa' fuq il-persuna li allegatament wettqet id-diskriminazzjoni billi din trid tipprova li ma wettqithiex. Dan it-trasferiment tar-responsabbiltà japplika kemm waqt il-proċeduri fil-qorti kif ukoll quddiem kwalunkwe korp kompetenti – bħalma hi l-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza (NCPE) u t-Tribunal Industrijali. Dan it-trasferiment, madanakollu, ma japplikax f'każ ta' proċeduri kriminali.

Hawnhekk jeħtieġ li ssir kjarifika. Id-dmir li tkun ippruvata l-verità ma jkunx ittrasferit awtomatikament hekk kif il-kwerelanti jirrapportaw li saret diskriminazzjoni kontrihom imma biss wara li jkunu ġew stabbiliti l-fatti li minnhom wieħed jista' jippreżumi li twettqet diskriminazzjoni.

## 4. Malta – Protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni razzjali

Malta ilha ż-żmien taħdem b'riżq il-promozzjoni ta' l-ugwaljanza fost il-persuni, irrispettivament mir-razza jew l-oriġini etnika tagħhom. Prova ta' dan tidher fir-ratifikazzjoni ta' Malta ta' dokumenti varji dwar id-drittijiet tal-bniedem li jagħmlu referenza speċifika għall-ugwaljanza razzjali.

Malta ffirmat u rratifikat id-dokumenti li ġejjin dwar id-drittijiet tal-bniedem f'din l-ordni:

| Dokument dwar id-Drittijiet tal-Bniedem | Data ta' Ratifikazzjoni |
|---|---|
| Il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem | 23/01/1967 |
| Il-Konvenzjoni Nru. 111 ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) dwar id-Diskriminazzjoni | 01/07/1968 |
| Il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali | 26/06/1971 |
| Il-Ftehim Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi | 13/09/1990 |
| Il-Ftehim Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali | 13/12/1990 |
| Il-Konvenzjoni Qafas għall-Protezzjoni ta' Minoranzi Nazzjonali | 10/02/1998 |
| Il-Karta Soċjali Ewropea Rriveduta | 27/07/2005 |

Fost uħud mill-aħħar żviluppi li seħħu f'dan il-qasam fejn jidħol it-twettiq tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE fil-liġi Maltija, insibu l-ħatra tat-Tribunal Industrijali u tal-NCPE bħala l-entitajiet li għandhom l-awtorità li jinvestigaw ilmenti dwar diskriminazzjoni minħabba razza u oriġini etnika, kemm fl-għoti ta' impjiegi kif ukoll fin-nuqqas ta' għoti ta' xogħol rispettivament skond id-dispożizzjonijiet imħabbra f'din id-Direttiva.

## 5. Il-liġi Maltija dwar l-ugwaljanza razzjali

Fil-*Kostituzzjoni ta' Malta*, fl-*Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea*[4] u fil-*Kodiċi Kriminali*[5] ssir referenza għall-prinċipju tat-trattament indaqs. Il-prinċipji tat-trattament indaqs u tat-tneħħija tad-diskriminazzjoni taħt l-Artikolu 45 tal-*Kostituzzjoni ta' Malta* jinvolvu l-ħarsien minn diskriminazzjoni minħabba "razza, post ta' oriġini, fehmiet politiċi, kulur, twemmin jew sess". Din id-dispożizzjoni tipprovdi wkoll li l-ebda liġi m'għandha tagħmel xi dispożizzjoni li tkun diskriminatorja sew fiha nnifisha jew fl-effett tagħha. Il-*Kostituzzjoni ta' Malta* ma ssemmix speċifikament il-kelmiet "ta' oriġini etnika" fl-Artikolu 45. Minkejja dan però, hu mistenni li ġaladarba jintużaw il-kunċetti ta' razza, post ta' oriġini, kulur u twemmin, kif ukoll minħabba l-fatt li l-qrati lokali interpretaw b'mod wiesgħa dawn il-kunċetti, wieħed jista' xorta waħda jingħata rimedju taħt din id-dispożizzjoni. Barra minn hekk, bis-saħħa ta' l-*Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea*, il-protezzjoni li tingħata taħt il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, titqies suġġetta għall-ġurisdizzjoni tal-qrati lokali. Għaldaqstant, wieħed jista' jsib protezzjoni fis-sistema ġuridika lokali taħt l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea.

### L-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Razza

*L-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452)*

L-att ewlieni ta' l-*Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali* jiddefinixxi d-diskriminazzjoni f'sens wiesa' bħala "kull distinzjoni, esklużjoni jew restrizzjoni li ma tkunx iġġustifikabbli f'soċjetà demokratika inkluża diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' l-istat konjugali, tqala, jew tqala potenzjali, sess, kulur, diżabilità, twemmin reliġjuż, opinjoni politika jew sħubija fi *trade union*, jew f'assoċjazzjoni ta' prinċipali" filwaqt li tipprovdi protezzjoni mill-vittimizzazzjoni. Dan l-Att jistabbilixxi li kwalunkwe persuna li temmen li saritilha diskriminazzjoni tista' tippreżenta ilment quddiem it-Tribunal Industrijali fi żmien erba' xhur mill-allegat ksur.

L-*A.L. 461 Regolamenti ta' l-2004 dwar Trattament Ugwali fl-Impjiegi* introduċa d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali rigward l-aċċess għal impjiegi, l-aċċess għal kull tip u għal kull livell ta' gwida vokazzjonali, impjieg u kundizzjonijiet ta' impjieg, sħubija u involviment f'xi organizzazzjoni ta' impjegati u ta' min iħaddem.

Dawn ir-regolamenti jipproteġu l-persuna minn diskriminazzjoni diretta u indiretta u minn fastidju minħabba r-razza jew l-oriġini etnika tagħha kif ukoll minħabba r-reliġjon u t-twemmin reliġjuż, id-diżabilità, l-età u l-orjentazzjoni sesswali tagħha. Fuq kollox, dawn ir-regolamenti jqisu li min iħaddem, jew kwalunkwe persuna jew organizzazzjoni, ikunu ddiskriminaw kontra persuna kemm-il darba jkunu taw istruzzjonijiet sabiex titwettaq diskriminazzjoni jew ikunu ċaħdu l-obbligu tagħhom li jżommu milli jkun hemm kull forma ta' fastidju fuq il-post tax-xogħol.

[4] Liġijiet ta' Malta Kap. 319
[5] Liġijiet ta' Malta Kap. 9

Dawn id-dispożizzjonijiet imħabbra fl-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, kif ukoll fir-Regolamenti dwar Trattament Ugwali fl-Impjiegi, jgħoddu għas-settur privat u jipprovdu lil individwi privati l-possibbiltà li jfittxu rimedju fit-Tribunal Industrijali fi żmien erba' xhur minn mindu jseħħ l-allegat ksur. Barra minn hekk, din il-liġi tippermetti lil kwalunkwe assoċjazzjoni, organizzazzjoni jew entità legali oħra li għandha interess leġittimu li tara li dawn ir-regolamenti jitwettqu, biex bl-approvazzjoni tal-kwerelanti, tidħol hi stess jew f'isimhom jew inkella biex tagħtihom l-għajnuna meħtieġa f'kwalunkwe proċedura ġudizzjarja jew amministrattiva mressqa biex ikunu infurzati l-obbligi taħt dawn ir-regolamenti.

Fl-2007, bid-dħul fis-seħħ ta' l-*A.L. 54 Regolamenti ta' l-2007 li Jestendu l-Applikabbiltà ta' Dispożizzjonijiet dwar Trattament Ugwali fl-Impjiegi għal Servizz mal-Gvern*, kompliet tinfirex il-protezzjoni mogħtija lill-impjegati fis-servizz pubbliku u lis-settur pubbliku permezz tar-Regolamenti preċedenti, filwaqt li l-*A.L. 68 Ordni ta' l-2007 dwar Trattament Indaqs fil-każ ta' Impjieg ta' Persuni li Jimpjegaw Lilhom Infushom u l-Okkupazzjoni* kompliet tinfirex aktar il-protezzjoni mid-diskriminazzjoni sabiex tkopri persuni li għandhom impjieg jew xogħol indipendenti.

<u>*L-A.L. 85 Ordni ta' l-2007 dwar Trattament Indaqs tal-Persuni*</u>

Dan l-avviż legali ħa ħsieb li jwettaq id-dispożizzjonijiet legali dwar in-nuqqas ta' għoti ta' xogħol minħabba fid-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE. Jirreferi għalhekk għall-ħarsien soċjali, inkluż is-sigurtà soċjali u l-kura tas-saħħa; l-iżvantaġġi soċjali; l-edukazzjoni; l-aċċess għal u l-provvista ta' oġġetti u servizzi li huma disponibbli għall-pubbliku, inkluż id-djar; l-aċċess għal kull servizz ieħor skond ma jiġi msemmi bil-liġi għall-finijiet ta' dan l-Ordni. Dan l-avviż legali jinkludi wkoll kjarifika fejn tidħol id-diskriminazzjoni minn banek, istituzzjonijiet finanzjarji u minn kumpaniji ta' l-assikurazzjoni.

Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza (NCPE) hi l-entità li ngħatat l-inkarigu li tissorvelja l-progress ta' din il-liġi u għalhekk li tilqa' u tipproċessa ilmenti dwar diskriminazzjoni.

Importanti ngħidu li b'dan l-Avviż Legali qed tingħata aktar protezzjoni li tmur lil hinn mir-rekwiżiti bażiċi tad-Direttiva dwar ir-Razza fejn għandu x'jaqsam reklamar diskriminatorju, billi jistqarr li skond il-liġi "ħadd ma jista' jippubblika jew juri, jew iġiegħel li jkun ippubblikat jew muri, xi reklam li jippromwovi d-diskriminazzjoni jew li jkun diskriminatorju jew li jista' raġonevolment jiftiehem li jindika intenzjoni li ssir diskriminazzjoni".

## 6. Korpi speċjalizzati

Id-Direttiva dwar ir-Razza tistabbilixxi li l-Istati Membri huma obbligati li jaħtru korp li jippromwovi t-trattament indaqs. Malta għażlet li taqsam dan id-dmir bejn it-Tribunal Industrijali u l-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza kif stabbilit fil-*L.S. 452.95 Regolamenti dwar Trattament Ugwali fl-Impjiegi* u fl-*A.L. 85 Ordni ta' l-2007 dwar Trattament Indaqs tal-Persuni* rispettivament.

Dawk kollha li jħaddmu u jipprovdu servizz li m'humiex ċerti jekk il-prattiċi tagħhom

jikkonformawx b'mod sħiħ mad-dispożizzjonijiet tal-liġi, jistgħu jiddiskutu metodi kif itejbu l-prattiċi tagħhom permezz ta' diskussjonijiet mal-korpi speċjalizzati.

***Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza***

L-*A.L. 85 Ordni ta' l-2007 dwar Trattament Indaqs tal-Persuni* ta lill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza l-awtorità li tirrevedi kontinwament l-effettività tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Ordni, u li tiżgura għalhekk li ma ssir l-ebda diskriminazzjoni minħabba razza jew oriġini etnika fejn jidħlu:
(a) il-ħarsien soċjali, inkluż is-sigurtà soċjali u l-kura tas-saħħa; (b) l-iżvantaġġi soċjali; (ċ) l-edukazzjoni; (d) l-aċċess għal u l-provvista ta' oġġetti u servizzi li huma disponibbli għall-pubbliku, inkluż id-djar; (e) l-aċċess għal kull servizz ieħor skond ma jiġi msemmi bil-liġi għall-finijiet ta' dan l-Ordni.

L-*Ordni* kkonsolida wkoll il-funzjonijiet tal-Kummissjoni kif imħabbar fl-*Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa (Kap. 456)* biex japplikaw *mutatis mutandis*, għal kwistjonijiet ta' trattament indaqs ta' persuni fl-ambitu ta' razza u oriġini etnika u għal kwistjonijiet ta' konformità ta', u għall-infurzar tad-drittijiet imħarsa taħt dan l-Ordni. Persuni li jħossu li saret diskriminazzjoni kontrihom minħabba razza jew oriġini etnika fejn jidħlu l-oqsma msemmija hawn fuq jistgħu, għaldaqstant, iressqu l-ilment tagħhom quddiem L-NCPE.

*Lil min tista' tikkuntattja:*
Id-Direttur Eżekuttiv
Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza (NCPE),
Gattard House
Triq Nazzjonali
Blata l-Bajda ĦMR 9010

| | |
|---|---|
| Telefon: | +356590 3850 |
| Faks: | +356 2590 3851 |
| Posta elettronika: | equality@gov.mt |
| Sit elettroniku: | www.equality.gov.mt |

***It-Tribunal Industrijali***

L-*Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452)* u l-leġiżlazzjoni sussidjarja li tikkonsolidah jipprojbixxu d-diskriminazzjoni fejn jidħlu l-aċċess għal impjieg u għal taħriġ vokazzjonali, għal impjieg, għal sħubija u sehem f'xi organizzazzjoni minħabba firxa ta' raġunijiet fosthom stat konjugali, tqala jew tqala potenzjali, sess, kulur, diżabilità, twemmin reliġjuż, opinjoni politika jew sħubija fi *trade union*, jew f'assoċjazzjoni ta' min iħaddem, reliġjon jew twemmin reliġjuż, diżabilità, età, orjentazzjoni sesswali, razza jew oriġini etnika.

Dan l-*Att*, jagħti lill-persuni l-possibbiltà li jippreżentaw ilment quddiem it-Tribunal Industrijali fi żmien erba' xhur mill-allegat kas ta' diskriminazzjoni. It-Tribunal għandu mbagħad jisma' dan l-ilment u jwettaq dak l-istħarriġ meqjus xieraq. Jekk it-Tribunal Industrijali jkun sodisfatt li l-ilment hu ġġustifikat, ikun jista' jieħu dawk il-miżuri li jidhirlu xierqa, inkluż il-kanċellament ta' kull kuntratt ta' servizz jew ta' kull klawsola f'kuntratt jew fi ftehim kollettiv li tkun

diskriminatorja u jista' jordna li jitħallsu somom raġonevoli ta' flus bħala kumpens lill-parti aggravata.

Għall-finijiet tas-smigħ u tad-deċiżjoni ta' kawżi dwar l-allegazzjoni ta' diskriminazzjoni, ksur tal-prinċipju ta' xogħol ta' valur ugwali, vittimizzazzjoni jew għoti ta' fastidju, it-Tribunal Industrijali jkun magħmul minn *chairperson* waħdu bil-mod stabbilit fl-artikolu 73(4).

Kull azzjoni meħuda minn persuna li tagħmel ilment skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu tkun mingħajr preġudizzju għal kull azzjoni oħra li dik il-persuna li tagħmel l-ilment tkun tista' tieħu skond xi liġi u tkun ukoll mingħajr preġudizzju għal kull azzjoni oħra li għaliha jista' jkun suġġett ir-rispondent skond xi liġi oħra li tgħodd.

Lil min tista' tikkuntattja:


Is-Sur Vincent Micallef
Tribunal Industrijali

Telefon: +356 2123 9821
Faks: +356 2122 3818
Posta elettronika: vincent.a.micallef@gov.mt


## 7. Każ kummerċjali favur id-diversità

**X'jinvolvi dan għal min iħaddem?**

Skond riċerka li saret fl-Ewropa fl-2005 jidher li, minbarra r-raġunijiet etiċi u legali marbutin magħha, it-twettiq ta' politika favur id-diversità u l-ugwaljanza jwassal sabiex fil-fatt in-negozju jgawdi minn tkabbir.

Fost il-benefiċċji varji, is-soltu wieħed isib li dawn l-istrateġiji jsaħħu r-reklutaġġ tal-ħaddiema u ż-żamma tal-ħaddiema ta' livell għoli, jipprovdu l-aċċess għal grupp akbar ta' ħaddiema potenzjali ġodda, itejbu d-dehra u r-reputazzjoni korporattiva, jgħinu fit-twettiq ta' innovazzjonijiet akbar u jsaħħu l-ħiliet meħtieġa fis-suq. M'hemmx dubju, li dawn il-benefiċċji jwasslu biex ikunu ffrankati flejjes sostanzjali fl-investiment filwaqt li jiżdied il-qligħ.

Skond rapport maħruġ mill-Kummissjoni Ewropea bl-isem ta' *The Business Case for Diversity – Good Practices in the Workplace*, instab li madwar l-Ewropa kollha kien qed jikber il-każ kummerċjali favur id-diversità u li fil-fatt ħafna kumpaniji kienu qed iħaddmu d-diversità fost il-prattiċi tagħhom fin-negozju.

Huwa sinifikattiv li l-maġġoranza assoluta (82%) ta' l-495 kumpanija li wieġbu l-*European Diversity Test Panel* (*EBTP*) qablu li l-inizjattivi favur id-diversità ħallew impatt pożittiv fuq in-negozju tagħhom. Barra minn hekk, ir-rapport *The Business Case for Diversity* jipprovdi 19-il eżempju ta' prattika tajba minn kumpaniji ta' daqs varju u juri x'għamlu dawn il-kumpaniji biex jippromwovu d-diversità u x'kienu l-benefiċċji li gawdew minnhom bħala riżultat ta' l-investiment tagħhom f'dan il-qasam.

Il-kumpaniji u l-organizzazzjonijiet li għandhom il-ħsieb li jdaħħlu strateġija favur id-diversità huma, għalhekk, imħeġġa sabiex jikkonsultaw dan id-dokument li jista' jitniżżel mill-indirizz elettroniku:
http://ec.europa.eu/comm/employment_social/fundamental_rights/pdf/events/busi case_en.pdf.

## 8. Azzjoni pożittiva

***X'nifhmu b'azzjoni pożittiva?***

It-terminu 'azzjoni pożittiva' jirreferi għal dawk il-metodi u l-istrateġiji mfassla sabiex jagħmlu tajjeb għall-effetti mnissla minn diskriminazzjoni mgħoddija kif ukoll jgħinu ħalli jixxejnu l-istereotipi.

Din l-azzjoni tista' tittieħed sabiex nies minn gruppi partikulari jagħmlu l-qalb u jieħdu vantaġġ minn opportunitajiet ta' xogħol u taħriġ. Dan jista' jseħħ meta jinstab li hemm xi grupp jew gruppi partikulari b'nuqqas ta' rappreżentanza f'qasam partikulari fosthom fix-xogħol, fl-edukazzjoni, fl-isport u l-bqija.

Jidher ċar li l-metodu li jintgħażel sabiex titwettaq azzjoni pożittiva jiddependi ħafna mis-sitwazzjoni partikulari mistħarrġa. Dawn il-metodi jistgħu jinkludu xi inizjattivi fosthom, it-tnedija ta' programmi ta' taħriġ li jistgħu jservu biex jagħmlu kuraġġ speċjali lil grupp ta' razza jew etniċità partikulari u l-introduzzjoni ta' proċeduri selettivi mhux diskriminatorji u ta' politika ta' ugwaljanza.

Jeħtieġ ninnutaw li azzjoni pożittiva m'hijiex l-istess bħal diskriminazzjoni pożittiva, minħabba li d-diskriminazzjoni (hi f'liema forma hi[6]) hija illegali. Għaldaqstant, kull azzjoni li tittieħed jeħtieġ li tissejjes fuq il-prinċipju tal-mertu tal-persuna u kull reklutaġġ li jsir m'għandu jiddependi fuq l-ebda kwalità oħra personali tal-persuna għajr fuq il-mertu tagħha. Bl-istess mod, azzjoni pożittiva fil-provvista ta' oġġetti u servizzi tista' tidher, ngħidu aħna, fil-mod kif jitfassal materjal partikulari billi l-materjal li jinħareġ ikun jinkludi dawk il-lingwi li jinftiehmu minn gruppi b'nuqqas ta' rappreżentanza jew billi jitfasslu prodotti speċifiċi skond il-bżonnijiet tagħhom.

[6] Ħlief fil-każ tar-*rekwiżiti professjonali essenzjali* kif imfisser qabel.

***Eżempji prattiċi ta' miżuri li jixhdu azzjoni pożittiva***

- Billi l-avviżi li jinħarġu dwar xogħol vakanti jitfasslu apposta ħalli jilħqu membri ta' gruppi b'nuqqas ta' rappreżentanza. Dan jista' jsir billi jkun hemm aktar avviżi rreklamati f'dawk il-pubblikazzjonijiet li għandhom firxa usa' fost dawn il-gruppi;
- Billi dawk l-impjegati li ġejjin minn gruppi b'nuqqas ta' rappreżentanza jitħeġġu japplikaw għal promozzjonijiet u għal opportunitajiet ta' taħriġ. Dan jista' jsir billi fl-avviżi li jinħarġu dwar xogħol vakanti jiddaħħlu stqarrijiet bħalma hi, "<*L-isem ta' l-organizzazzjoni*> hi organizzazzjoni li toffri opportunitajiet indaqs ta' impjiegi. Membri ta' minoritajiet razzjali jew etniċi huma b'mod partikulari mħeġġa sabiex japplikaw minħabba li fl-istrutturi ta' l-impjiegi tagħna għandhom nuqqas ta' rappreżentanza."
- Billi jingħata aktar taħriġ lil dawk l-impjegati li ġejjin minn gruppi b'nuqqas ta' rappreżentanza biex ikun żgurat li jkollhom l-istess opportunità ta' promozzjoni fil-kumpanija.

***B'liema mod organizzazzjoni tista' tiddetermina meta għandha twettaq azzjoni pożittiva u ma' min?***

Qabel ma tibda tqis it-twettiq ta' azzjoni pożittiva, l-organizzazzjoni jeħtieġ li tkun fliet il-proċess li bih jingħażlu l-ħaddiema u l-mod kif jingħataw il-promozzjonijiet fl-organizzazzjoni u b'hekk tkun tista' tagħżel liema huma l-gruppi b'nuqqas ta' rappreżentanza. Ġaladarba jingħarfu dawn il-gruppi, l-organizzazzjoni tkun tista' mbagħad tfassal l-aħjar metodu biex tiżgura li l-grupp jew il-gruppi partikulari jingħataw l-inkoraġġiment li jixraq.

## 9. Osservazzjoni tal-proċess ta' ugwaljanza

Il-liġi Maltija ma tobbligax direttament lil min iħaddem sabiex josserva l-effetti li jħallu l-politika u l-prattiċi li jħaddmu. Madanakollu, l-osservazzjoni titqies għodda effettiva li biha wieħed jista' jevalwa jekk din il-politika u dawn il-prattiċi mħaddma humiex qed jaffettwaw ħażin lil xi minorità razzjali jew etnika.

Kulmin iħaddem u jixtieq jintroduċi l-osservazzjoni fost l-għodda mħaddma sabiex jiġġieled id-diskriminazzjoni u jippromwovi l-ugwaljanza, jista' jibda billi għall-ewwel idaħħal Politika dwar Opportunitajiet Indaqs sabiex jiżgura li l-informazzjoni li tinġabar tintuża b'mod effettiv u bil-għan li jitħeġġu l-ugwaljanza u d-diversità, u wkoll sabiex jipprovdi lill-persuni osservati t-tagħrif meħtieġ (Ara l-Addenda). Il-persuni li qed jimlew il-Formola ta' Osservazzjoni ta' Opportunitajiet Indaqs trid tingħatalhom assikurazzjoni li l-informazzjoni li qed jagħtu se tinżamm kunfidenzjali u li se tkun ipproċessata skond l-*Att dwar il-Protezzjoni tad-Data*.

Bis-saħħa ta' l-osservazzjoni, l-informazzjoni tista' tkun estrapolata biex tintuża ħalli jissewwew id-diskrepanzi jew id-diskriminazzjoni (kemm jekk diretta kif ukoll indiretta) imġarrba minn xi minorità partikulari.

**Għala, min u kif?**

Permezz ta' l-osservazzjoni nistgħu nkunu nafu b'liema mod tip ta' politika partikulari taffettwa gruppi razzjali u etniċi differenti. Din tipprovdilna informazzjoni dwar:

- Liema gruppi razzjali jew etniċi għandhom wisq rappreżentazzjoni jew inkella nuqqas tagħha.
- Jekk politika partikulari hux qed tħalli effett pożittiv jew negattiv fuq ċerti gruppi razzjali jew etniċi.

Tista' ssir osservazzjoni ta' proċessi varji, fosthom ir-reklutaġġ tal-ħaddiema u l-għoti tal-kura tas-saħħa u tas-servizzi soċjali. Minbarra l-lista mogħtija hawn fuq, din l-osservazzjoni tista' tipprovdi tagħrif dwar:

- Kemm iħossuhom sodisfatti gruppi razzjali jew etniċi differenti minn servizz partikulari.
- Kemm servizz partikulari qiegħed jilħaq b'mod effettiv gruppi razzjali jew etniċi differenti.

Waqt il-proċess ta' osservazzjoni, tkun qed tinġabar informazzjoni fi stadji differenti, filwaqt li ssir evalwazzjoni ta' kif qed jintlaqtu gruppi razzjali jew etniċi varji.

*Eżempju*
Kumpanija timpjega 250 ħaddiem li jitqassmu kif ġej: 150 ta' nisel Abjad, 50 ta' nisel Għarbi, 25 ta' nisel Iswed u 25 ta' nisel Asjatiku - ilkoll imqassmin indaqs fil-livelli kollha ta' l-impjiegi. Min iħaddem joffri promozzjoni lil 10 ħaddiema biex minn grad ta' Uffiċjal jgħaddu għal dak Eżekuttiv. Japplikaw 30 ħaddiem: 21 ta' nisel Abjad, 3 ta' nisel Għarbi, 3 ta' nisel Iswed, 3 ta' nisel Asjatiku. Wara li jsiru l-intervisti, jitħabbru r-riżultati. Dawk li ntgħażlu kienu mqassmin hekk: 8 Bojod, Għarbi u Asjatiku.

Għaldaqstant, min iħaddem fassal it-tabella li ġejja sabiex janalizzaha:

| | Total tal-Popolazzjoni | Bojod | Għarab | Suwed | Asjatiċi |
|---|---|---|---|---|---|
| Numru ta' ħaddiema | 250 100% | 150 60% | 50 20% | 25 10% | 25 10% |
| Numru ta' applikanti | 30 100% | 21 70% *(+10%)* | 3 10% *(-10%)* | 3 10% | 3 10% |
| Numru ta' applikanti magħżula | 10 100% | 8 80% *(+20%)* | 1 10% *(-10%)* | 0 0 *(-10%)* | 1 10% |

Għalhekk, min iħaddem jintebaħ li skond il-qafas preżenti, il-Bojod għandhom aktar ċans li javvanzaw milli għandhom l-Għarab u s-Suwed, filwaqt li l-Asjatiċi jmorru tajjeb. Jiddeċiedi għalhekk li jagħti aktar taħriġ lill-Għarab u lis-Suwed biex ikun ċert li meta fil-ġejjieni jerġgħu jinħarġu sejħiet għal promozzjonijiet, imorru aħjar.

Kif jidher fl-eżempju ta' hawn fuq, bis-saħħa ta' l-osservazzjoni wieħed jista' jintebaħ kemm l-istrateġija li tħaddem il-kumpanija/l-organizzazzjoni favur id-diversità hix qed ikollha suċċess jew le, filwaqt li tindika x'korrezzjonijiet hemm bżonn li jsiru.

**Eżempju ta' Formola ta' Osservazzjoni ta' Opportunitajiet Indaqs**

<Isem il-kumpanija>

**Formola ta' Osservazzjoni ta' Opportunitajiet Indaqs Irrispettivament mir-Razza u l-Oriġini Etnika**

Minn liema grupp etniku fost dawn li ġejjin tħossok tagħmel parti? Jekk jogħġbok, agħżel taqsima waħda minn fost dawn is-sitta u mmarka kaxxa waħda billi tagħmel is-sinjal ✓

1. Abjad

| | | |
|---|---|---|
| Malti Abjad | Ewropew Abjad | |
| Nisel Abjad Ieħor | | |

2. Iswed

| | | |
|---|---|---|
| Malti Iswed | Afrikan Iswed | Ewropew Iswed |
| Nisel Iswed Ieħor | | |

3. Għarbi

| | | |
|---|---|---|
| Għarbi Malti | Għarbi mill-Afrika ta' Fuq | Għarbi mil-Lvant Nofsani |
| Nisel Għarbi Ieħor | | |

4. Asjatiku

| | | |
|---|---|---|
| Asjatiku Malti | Asjatiku Ċiniż | Asjatiku mix-Xlokk |
| Nisel Asjatiku Ieħor | | |

5. Imħallat

| | | |
|---|---|---|
| Iswed u Abjad | Abjad u Għarbi | Abjad u Asjatiku |
| Nisel Imħallat Ieħor | | |

6. Nisel Etniku Ieħor

## 10. Valutazzjoni tal-proċess ta' ugwaljanza

Il-*Valutazzjoni tal-Proċess ta' Ugwaljanza* hi fost l-għodda li tista' tintuża minn organizzazzjoni sabiex tiddetermina kemm hi kompatibbli mal-liġijiet tal-pajjiż u mal-livelli ta' ugwaljanza. Għaldaqstant, il-mudell li qed jingħata hawn taħt jista' jintuża minn kwalunkwe organizzazzjoni li tħaddem in-nies u/jew li tipprovdi oġġetti u servizzi.

***L-Ewwel Parti - L-Impjiegi***

*Iva* *Mhux għal kollox* *Le*

*1.1* L-organizzazzjoni għandha politika miktuba dwar l-ugwaljanza u d-diversità?
Din toffri protezzjoni kontra:
a. Id-diskriminazzjoni diretta
b. Id-diskriminazzjoni indiretta
ċ. Il-fastidju
d. Il-fastidju sesswali
e. L-għoti ta' istruzzjonijiet sabiex titwettaq diskriminazzjoni
f. Il-vittimizzazzjoni

*1.2.1* Din il-politika tistqarr b'mod ċar l-impenn ta' l-organizzazzjoni li taħdem b'riżq l-ugwaljanza u d-diversità, u tagħmel referenza speċifika biex ma ssirx diskriminazzjoni minħabba, fost l-oħrajn, kulur, razza u oriġini etnika?

*1.2.2* Din il-politika jafu biha:
a. Il-ħaddiema kollha?
b. It-*trade unions*?

*1.2.3* Ir-responsabbiltà li titwettaq din il-politika ngħatat b'mod ċar lil xi ħadd speċifiku?

*2.1* L-organizzazzjoni tuża xi sistema li biha tevalwa l-impjiegi u li tfasslet u titħaddem bil-għan li ma ssirx diskriminazzjoni minħabba kulur, razza jew oriġini etnika?

*2.2* L-organizzazzjoni għamlet reviżjoni sabiex tara jekk hemmx opportunitajiet indaqs:
- Fl-avviżi li jinħarġu dwar xogħol vakanti
- Fil-mod kif isiru l-intervisti u l-mistoqsijiet
- Fit-tqassim ta' l-opportunitajiet ta' taħriġ
- Fit-tqassim tar-responsabbiltajiet
- Fit-tqassim tal-promozzjonijiet

*2.3* Waqt ir-reviżjoni tqiesu l-aspetti kollha fejn tidħol il-paga u l-benefiċċji marbuta max-xogħol?
Paga bażika
Dħul totali
Benefiċċji
*Allowances* ta' speċjalizzazzjoni
Sahra

*Iva* *Mhux għal kollox* *Le*

Rati reġjonali/lokali
Fatturi oħrajn speċifiċi għall-organizzazzjoni

*2.4* Waqt ir-reviżjoni tqiesu l-forom varji ta’ xogħol (inkluż ħaddiema *part-time*, kuntratti għal żmien qasir u l-għoti barra ta' xogħol li s-soltu tagħmel il-kumpanija stess)?

*2.5* Waqt ir-reviżjoni kienu identifikati xi diskrepanzi, ommissjonijiet jew strutturi inadegwati sinifikanti li jxekklu milli jkun hemm trattament indaqs?
Jekk iva, x’qed isir?

……………………………………………………………

……………………………………………………………

……………………………………………………………

*2.6* Waqt ir-reviżjoni tqies jekk sa mill-aħħar reviżjoni li saret, kienx hemm fastidju jew forom oħrajn ta' diskriminazzjoni minħabba kulur, razza jew oriġini etnika?

*2.7* X’pjanijiet jeżistu bil-għan li jingħelbu dawn in-nuqqasijiet?

……………………………………………………………

……………………………………………………………

……………………………………………………………

*3* L-informazzjoni qiegħda tinġabar u tinxtarr kif jixraq (inkluż dik dwar it-tqassim tan-nisel razzjali u etniku ta’ l-individwi li japplikaw għax-xogħol, tal-persuni intervistati u tal-persuni magħżula)?

*4* Waqt ir-reviżjoni tqiesu forom oħrajn ta’ diskriminazzjoni?
Jekk iva, liema?

- Stat konjugali
- Tqala jew potenzjal ta’ tqala
- Sess
- Responsabbiltajiet familjari
- Razza jew oriġini etnika
- Kulur
- Diżabilità
- Reliġjon jew twemmin ieħor
- Twemmin reliġjuż
- Opinjoni politika
- Sħubija fi *trade union*
- Orjentazzjoni sesswali
- Età

Oħrajn (jekk jogħġbok, speċifika)

……………………………………………………………

*Iva* *Mhux għal kollox* *Le*

*5.1* L-organizzazzjoni rrevediet b'mod sħiħ il-prattiċi li tħaddem fid-dawl ta' l-*Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452)(AIRI)*?

*5.2* L-organizzazzjoni tagħti wkoll kas ta' leġiżlazzjoni sussidjarja ta' l-AIRI dwar trattament indaqs fosthom il-*L.S. 452.95 Regolamenti dwar Trattament Ugwali fl-Impjiegi*?

*6* Għaddejin xi arranġamenti biex jiżguraw li r-reviżjonijiet favur l-ugwaljanza u d-diversità jitwettqu regolarment?

Kemm spiss? ……..………………………………

Meta saret l-aħħar reviżjoni? …./…./…….

Minn min? …………………………………………..

Meta jmissha l-oħra? …./…./…….

*Approvata mill-Uffiċjal Kap Eżekuttiv ………………………*

*Data: ……………………………………..*

***It-Tieni Parti -Il-provvista ta' oġġetti u servizzi***

*Iva* *Mhux għal kollox* *Le*

*7* L-organizzazzjoni għandha politika miktuba dwar l-ugwaljanza u d-diversità?
Din tkopri l-provvista ta' oġġetti u servizzi?

*8.1* Din il-politika tistqarr b'mod ċar l-impenn ta' l-organizzazzjoni li ma tagħmilx diskriminazzjoni minħabba razza jew oriġini etnika fil-provvista ta' kwalunkwe oġġett u servizz li toffri bħala organizzazzjoni?

*8.2* L-impjegati kollha jafu b'din il-politika?
Ingħatalhom xi taħriġ?

*8.3* Ir-responsabbiltà li titwettaq din il-politika ngħatat b'mod ċar lil xi ħadd speċifiku?

*2.3* Waqt ir-reviżjoni tqiesu l-aspetti kollha involuti fil-provvista ta' oġġetti u servizzi?
Reklamar
Aċċess indaqs għal oġġetti u servizzi
Servizz indaqs lill-klijenti kollha
Stħarriġ dwar kull ilment li jsir

*9.5* Waqt ir-reviżjoni kienu identifikati xi diskrepanzi, ommissjonijiet jew strutturi inadegwati sinifikanti li jxekklu milli jkun hemm trattament indaqs?

*9.6* Waqt ir-reviżjoni tqies jekk sa mill-aħħar reviżjoni li saret, kienx hemm fastidju jew forom oħrajn ta' diskriminazzjoni minħabba razza jew oriġini etnika?

*9.7* Jeżistu xi pjanijiet biex jingħelbu dawn in-nuqqasijiet?

*9.8* Waqt ir-reviżjoni tqiesu forom oħrajn ta' diskriminazzjoni?
Jekk iva, liema?

- Stat konjugali
- Tqala jew potenzjal ta' tqala
- Sess
- Responsabbiltajiet familjari
- Razza jew oriġini etnika
- Kulur
- Diżabilità
- Reliġjon jew twemmin ieħor
- Twemmin reliġjuż
- Opinjoni politika
- Sħubija fi *trade union*
- Orjentazzjoni sesswali
- Età
  Oħrajn (jekk jogħġbok, speċifika)

………………………………………………………………

*Iva* *Mhux għal kollox* *Le*

*10* Il-kriterji li bihom jingħataw l-oġġetti u s-servizzi, iqisu kwistjonijiet relatati mat-tneħħija tad-diskriminazzjoni u l-ugwaljanza?

*11* L-organizzazzjoni rrevediet b'mod sħiħ il-prattiċi li tħaddem fid-dawl ta' l-*A.L.85 Ordni ta' l-2007 dwar Trattament Indaqs tal-Persuni*?

*12* Għaddejin xi arranġamenti biex jiżguraw li r-reviżjonijiet favur l-ugwaljanza u d-diversità jitwettqu regolarment?

Kemm spiss? ……..…………………………………

Meta saret l-aħħar reviżjoni? …./…./…….

Minn min? …………………………………………..

Meta jmissha l-oħra? …./…./…….

*Approvata mill-Uffiċjal Kap Eżekuttiv ………………………*

*Data: ……………………………………..*

**Addenda:**

*MUDELL TA' POLITIKA DWAR L-UGWALJANZA*[7]

*Daħla*

*Peress li l-liġi qed issir aktar stretta fejn tidħol id-diskriminazzjoni diretta u indiretta fl-għoti ta' impjiegi, oġġetti u servizzi;*

*Peress li l-aħħar riċerka uriet kontinwament li l-kumpaniji li jemmnu fil-valur ta' l-ugwaljanza u d-diversità jgawdu minn vantaġġi ekonomiċi u dan bis-saħħa ta' kompetittività akbar u ta' ħaddiema aktar impenjattivi fil-kumpanija;*

<*L-isem ta' l-organizzazzjoni*> qed tintrabat li tipprovdi impjiegi ta' kwalità għolja u oġġetti u servizzi effiċjenti. <*L-isem ta' l-organizzazzjoni*> temmen li mod essenzjali kif tipprovdi impjiegi ta' kwalità għolja u oġġetti u servizzi effiċjenti bħal dawn hu billi tara li kulħadd ikollu aċċess indaqs kemm għall-opportunitajiet ta' xogħol, kif ukoll għall-kundizzjonijet tax-xogħol, inkluż it-taħriġ u l-promozzjonijiet, kif ukoll għall-oġġetti u s-servizzi offruti minna.

Din il-politika torbot lill-impjegati, lis-sottokuntratturi u lis-sottoaġenti kollha, kif ukoll lil nies oħrajn li jipprovdu servizzi li lkoll flimkien jaħdmu f'isem il-kumpanija <*l-isem ta' l-organizzazzjoni*>.

*Stqarrija ta' impenn*

L-Amministrazzjoni ta' <*l-isem ta' l-organizzazzjoni*> hi marbuta li taħdem għall-ugwaljanza u li tara li f'kull ħaġa li ssir ikun hemm trattament ġust. Għaldaqstant, qed nieħdu dan l-impenn għax irridu noħolqu l-aħjar ambjent tax-xogħol li nistgħu noffru lill-ħaddiema tagħna ta' bħalissa u lil dawk potenzjali u rridu nipprovdu l-aħjar 'oġġetti u servizzi' lill-klijenti tagħna li tant nistmaw.

<*L-isem ta' l-organizzazzjoni*> tagħti valur lis-sehem li jagħtu l-impjegati, is-sottokuntratturi u s-sottoaġenti kollha tagħna, kif ukoll nies oħrajn li jipprovdu servizz f'isimna, sabiex inkunu nistgħu nilħqu dan il-għan.

*L-għan tal-politika tagħna dwar l-ugwaljanza*

L-għan ta' <*l-isem ta' l-organizzazzjoni*> hu li tara li l-ħaddiema kollha tagħna ta' bħalissa u dawk potenzjali, u dawk kollha li naħdmu magħhom, ikollhom l-istess opportunitajiet u li l-oġġetti u s-servizzi jingħataw b'mod ġust lill-klijenti kollha tagħna. Irridu naħdmu biex nidentifikaw kull xorta ta' prattika diskriminatorja diretta jew indiretta li sservi ta' xkiel biex ikunu jistgħu jintlaħqu dawn l-għanijiet, filwaqt li neħilsu minnha. Aħna nisħqu li nopponu kull forma ta' diskriminazzjoni illegali jew inġusta, issir fuq liema bażi ssir, kemm-il darba din m'hijiex iġġustifikata, fosthom diskriminazzjoni minħabba stat konjugali, tqala jew tqala

[7] Filwaqt li dan il-pakkett tfassal bil-ħsieb li jkun hemm għarfien dwar id-diskriminazzjoni minħabba razza u oriġini etnika, kif ukoll li dak li jkun isir aktar konxju ta' prattiċi tajbin f'dan il-qasam, inħass xieraq li tissawwar Politika dwar l-Ugwaljanza aktar inklussiva u li tħaddan kull forma ta' diskriminazzjoni kif imfissra fl-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali u fil-Leġiżlazzjoni Sussidjarja li tikkonsolidah.

potenzjali, responsabbiltà familjari, sess, ġeneru, kulur, razza jew oriġini etnika, diżabilità, twemmin reliġjuż, reliġjon jew twemmin ieħor, età, orjentazzjoni sesswali, sħubija fi *trade union* jew f'organizzazzjoni għal min iħaddem, jew minħabba kwalunkwe kundizzjoni jew rekwiżiti oħrajn li ma jistgħux ikunu ġġustifikati u li jitfgħu persuna jew kategorija ta' persuni fi żvantaġġ (minn issa 'l quddiem magħrufin bħala *raġunijiet għala m'għandhiex issir diskriminazzjoni*).

*L-applikabbiltà tal-politika tagħna dwar l-ugwaljanza*

L-istqarrija ta' din il-politika tapplika għall-attivitajiet kollha tagħna.

*It-twettiq fil-prattika tal-politika tagħna dwar l-ugwaljanza*

Sabiex inwettqu l-għanijiet kif imniżżla fl-istqarrija tal-politika tagħna dwar l-ugwaljanza fuq il-post tax-xogħol tagħna u fl-oġġetti u s-servizzi li nipprovdu, irridu nagħmlu dan li ġej:

- Nosservaw il-ħin kollu l-livell ta' l-impjiegi tagħna kif ukoll l-oġġetti u s-servizzi li nipprovdu biex niżguraw li jkunu aċċessibbli għal kulħadd u li jingħataw b'mod ġust lil kulħadd.
- Inżommu rendikont tar-razza u l-oriġini etnika ta' l-impjegati u l-applikanti ħalli niżguraw li din il-politika titħaddem b'mod effettiv (u għall-ebda skop ieħor).
- Nagħrfu li xi gruppi ta' nies iġarrbu żvantaġġi aktar minn oħrajn, u nwiegħdu li nieħdu l-passi neċessarji ħalli nxejnu dawn l-iżvantaġġi billi nżommu f'moħħna li rridu naħdmu sabiex nilqgħu għall-bżonnijiet partikulari tagħhom.
- Naraw li l-impjegati, is-sottokuntratturi, is-sottoaġenti, in-nies li jipprovdu servizzi f'isem il-kumpanija u l-klijenti kollha jkunu ttrattati b'dinjità u b'rispett, filwaqt li nagħrfu d-differenzi ta' bejn in-nies u nirrispettawhom.
- Naraw li l-avviżi kollha li jinħarġu mill-kumpanija dwar xogħol vakanti jinkludu stqarrija qasira xierqa dwar opportunitajiet indaqs u jinkludu wkoll lingwaġġ u stampi inklussivi skond kif jixraq.
- Naraw li aħna u nfasslu l-oġġetti u s-servizzi tagħna, nagħtu kas tal-bżonnijiet li għandhom ċerti klijenti bi ħtiġijiet speċjali.
- Naraw li l-proċeduri li bihom jitressqu l-ilmenti jkunu jistgħu jintużaw b'faċilità, filwaqt li nieħdu ħsieb inwieġbu għall-ilmenti fil-pront u b'effiċjenza.
- Ngħarrfu bil-politika tagħna dwar l-ugwaljanza lill-impjegati, lis-sottokuntratturi, lis-sottoaġenti u lil nies oħrajn li jipprovdu oġġetti u servizzi f'isem il-kumpanija, filwaqt li meta niġu biex nagħtu u niflu kuntratt, nagħtu kas tal-fatturi marbutin ma' l-ugwaljanza.
- Ngħarrfu lill-klijenti tagħna u lil dawk li f'isimna jipprovdu oġġetti u servizzi dwar x'qed nippretendu, jiġifieri li m'għandhomx jagħmlu diskriminazzjoni kontra l-impjegati tagħna.

Sabiex inwettqu l-għanijiet imniżżla fl-istqarrija tal-politika tagħna dwar l-ugwaljanza fix-xogħol, irridu nagħmlu dan li ġej:

- Naraw li l-proċessi li bihom jiddaħħlu, jingħażlu, jitħarrġu u javvanzaw il-ħaddiema jweżnuna ħalli b'hekk inkunu nistgħu nimpjegaw l-aħjar nies għal dak ix-xogħol partikulari, filwaqt li niżviluppaw u nżommu l-ogħla livelli ta' ħiliet u kompetenzi.

*L-istqarrija tal-politika tagħna dwar l-ugwaljanza*

<L-Isem tal-kumpanija> tintrabat li:

- Toħloq post tax-xogħol li fih il-ħaddiema kollha jkunu ttrattati b'dinjità u b'rispett u li dan jinżamm, filwaqt li jingħaraf il-bżonn li jintlaħaq bilanċ bejn ix-xogħol u r-responsabbiltajiet personali.
- Tkompli tiżviluppa politika u prattiċi tax-xogħol ġusti u flessibbli li jimxu mal-bżonnijiet differenti ta' l-impjegati u li tinkludi lill-impjegati fil-proċess ta' żvilupp (fit-taħriġ).
- Tipprovdi proċeduri effettivi biex bihom ikunu rrappurtati inċidenti ta' diskriminazzjoni jew ta' fastidju minn kollegi jew nies oħrajn li jużaw is-servizzi tal-kumpanija, filwaqt li tara li l-ilmenti jitqiesu fil-pront u b'mod ġust.

Sabiex inkunu nistgħu nwettqu fil-prattika l-istqarrija tal-politika tagħna dwar l-ugwaljanza, irridu nagħmlu dan li ġej:

- Nimxu mal-liġijiet u l-kodiċijiet ta' prattika kollha relevanti, fosthom:
  - L-*Att ta' l-1969 dwar l-Impjieg ta' persuni b'Diżabilità*
  - L-*Att ta' l-1990 dwar Servizzi ta' Impjieg u Taħriġ*
  - L-*Att ta' l-2000 dwar Opportunitajiet Indaqs għal Persuni b'Diżabilità*
  - L-*Att ta' l-2002 dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali*
  - L-*Att ta' l-2003 dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa*
  - Ir-*Regolamenti ta' l-2004 dwar Trattament Ugwali fl-Impjieg*
  - L-*Ordni ta' l-2007 dwar Trattament Indaqs tal-Persuni*
- Naraw li l-impjegati kollha u n-nies kollha li jgħinuna nwasslu s-servizzi tagħna jkunu konxji ta' din l-istqarrija tal-politika li nħaddmu.
- Niżviluppaw u nħarrġu l-membri u l-impjegati tagħna biex ngħinuhom jagħrfu kwistjonijiet marbuta ma' l-ugwaljanza u ngħinuhom jifhmu aktar is-sehem u r-responsabbiltajiet tagħhom fil-kisba ta' l-ugwaljanza.
- Naraw li jkun hemm ugwaljanza fil-proċessi kollha amministrattivi biex b'hekk din issir parti minn kulma nagħmlu.
- Noħolqu proċeduri li bihom nivverifikaw u nosservaw b'mod effettiv is-servizzi u l-impjiegi, filwaqt li, għall-inqas darba fis-sena, irressqu rapport quddiem il-membri, l-impjegati u l-komunità dwar kif qed inwettqu fil-prattika din l-istqarrija tal-politika tagħna.
- Inħeġġu l-prinċipju ta' l-ugwaljanza kulmeta hu possibbli, filwaqt li naqsmu ma' l-oħrajn is-suċċessi u l-prattika tajba tagħna u nwiegħdu li nservu ta' eżempju pożittiv għal organizzazzjonijiet u individwi oħrajn li jħaddmu n-nies fil-komunità tagħna.

**Qed niżviluppaw programm ta' azzjoni biex inkunu nistgħu nwettqu fil-prattika l-istqarrija tal-politika tagħna, filwaqt li nosservaw il-progress li qed isir fid-dawl tal-livelli relevanti ta' ugwaljanza, inkluż dawk li jistgħu jinħarġu mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza.**

*Ir-responsabbiltà tat-twettiq tal-politika tagħna dwar l-ugwaljanza*

<*L-isem ta' l-organizzazzjoni*> hi responsabbli li toħloq qafas li permezz tiegħu jkun hemm ugwaljanza fl-għoti ta' l-impjiegi u s-servizzi. Id-diretturi u l-maniġers huma responsabbli li jieħdu l-passi neċessarji sabiex iwettqu l-politika fil-prattika u biex jiżguraw li l-ħaddiema tagħhom jimxu magħha. Madanakollu, l-impjegati kollha għandhom sehem fit-twettiq fil-prattika ta' din il-politika, filwaqt li jweżnuha. B'mod partikulari jridu:

- jimxu skond il-politika u l-proċeduri marbutin magħha;
- iħeġġu opportunitajiet indaqs;
- jittrattaw il-kollegi u lil nies oħrajn li jużaw is-servizzi b'dinjità u b'rispett;
- ma jwettqux diskriminazzjoni illegali jew inġusta;
- ma jiffastidjawx jew jivvittimizzaw lil nies oħrajn;
- jisfidaw kull imġiba diskriminatorja jew mhux xierqa; u
- jirrappurtaw suspetti ta' azzjonijiet diskriminatorji.

*Il-ksur tal-politika tagħna dwar l-ugwaljanza*

Kemm-il darba nsibu li xi ħadd kiser il-politika tagħna dwar l-ugwaljanza, nieħdu l-kwistjoni b'serjetà kbira u nagħmlu stħarriġ formali u mirqum u li jwassal sabiex jittieħdu passi dixxiplinarji skond kif jixraq.

Kull azzjoni jew nuqqas ta' azzjoni li bihom tinkiser xi liġi relevanti jista' jwassal ukoll biex jittieħdu proċeduri legali kontrina, u possibbilment kontra l-impjegati responsabbli għal dik l-azzjoni jew nuqqas ta' azzjoni.

## Aktar tagħrif

Kulmin jixtieq iżjed parir jew gwida dwar kwistjonijiet relatati ma' l-ugwaljanza, b'mod partikulari fejn tidħol diskriminazzjoni minħabba sess, responsabbiltajiet familjari u razza u oriġini etnika kemm fejn jidħlu l-impjiegi kif ukoll fil-provvista ta' oġġetti u servizzi, jista' jikkuntattja lill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza (bl-Ingliż NCPE fil-qosor). Niggarantixxu li l-informazzjoni u s-servizz ta' pariri li jingħataw huma liberi u kunfidenzjali.

L-NCPE tista' wkoll tipprovdi għajnuna professjonali fosthom li tixtarr bir-reqqa kull politika dwar opportunitajiet indaqs u kull kampanja ta' reklamar.

NCPE

Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza (NCPE),

Gattard House

Triq Nazzjonali

Il-Blata l-Bajda ĦMR 9010

| | |
|---|---|
| Telefon: | +356 2590 3850 |
| Faks: | +356 2590 3851 |
| Posta elettronika: | equality@gov.mt |
| Sit elettroniku: | www.equality.gov.mt |